MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2010

Numru 199/2005

**PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD SPITERI**
**VS**
**MASSIMO CALLEJA**
**EMMANUEL CALLEJA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba konta l-imputati Massimo Calleja ta’ 25 sena, iben Silvio u Vicenzina nee’ Calleja, imwieled fil-15 ta’ Awissu 1979 il-Pieta, residenti 63, ‘15th August’, Triq il-Frieres, Zejtun u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 378079(M) u Emmanuel Calleja ta’ 19-il sena, iben Silvio u Vicenzina nee’ Calleja, imwieled fis-7 ta’ Marzu 1986 il-Pieta, residenti ‘Dar id-Delizzju’, Triq Axtart, Marsaxlokk u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 118186(M).

Illi huma akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-3 ta' Marzu 2005, f'xi hin bejn il-hdax u nofs ta' filghodu (11:30a.m.) u nofs in-nhar (12:00p.m.), minn gewwa lukanda 'Westin Dragonara' ta' Triq Dragonara Road, San Giljan, ikkommettew serq ta' 'Home Cinema System' tal-marka 'Schneider' li jiswa Lm76.12c izda inqas minn Lm100, liema serq huwa aggravat bil-'Persuna', ghad-dannu ta' 'Peninsula Investments Ltd Westin' – 'Westin Dragonara Resort', Dragonara, u persuni ohra u dan bi ksur ta' Artikoli 261 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol.14) u dak tal-imputati (a fol.12 u 13) sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda tas-surgent 419 Anton Butigieg jirrizulta illi fit-3 ta' Marzu tat-2005, il-Pulizija rcevew telefonata mis-security officers tal-'Hotel Dragonara' fis-sens li kien hemm zewg (2) zghazagh illi ppruvaw jisirqu apparat u cioe' 'Home Cinema System' minn din l-imsemmija Hotel.

Illi ghaldaqstant huwa acceda fuq il-post minnufih u sab liz-zewg (2) imputati mizmuma mis-security officers. Is-security officers infurmaw lis-surgent illi z-zewg (2) imputati kienu qeghdin jaqilghu dan l-apparat minn taht xi umbrelel tat-tiben u haduh fil-kantuniera biex jippruvaw johorguh 'il barra mil-lukanda.

Is-surgent Buttigieg xehed illi kien qed isir ‘refurbishment’ ta’ din l-Hotel u l-imputati kienu zewg (2) haddiema illi suppost kienu qeghdin jaghmlu x-xoghol fit-tieni sular ta’ din l-Hotel. Huwa esebixxi l-okkorrenza Dok. PS li tinstab a fol.27 et sequitur.

Domnic Spencer a fol.33, supervisor mal-‘Westin Dragonara Resort’ xehed illi huwa kien xoghol fit-tlieta (3) ta’ Marzu tat-2005 u kien cempillu l-engineer Jimmy Zammit u qallu biex jinzel malajr gol-plant room tal-lukanda. Huwa hekk ghamel u wettaq tfittxija u sab ‘Home Cinema System’ taht umbrelel tas-saqaf, jistriehu mal-hajt. L-engineer Zammit informa lis-security officer Domnic Spencer illi kien ra tlett (3) persuni nezlin jahbu xi haga taht dawn l-umbrelel tal-qasab. Ghaldaqstant gie kkuntattjat il-General Manager li mbaghad informa lill-Pulizija. Saret tfittxija fil-van tat-tielet persuna pero’ ma nstab xejn f’dan il-van. Domnic Spencer gharaf liz-zewg (2) imputati bhala tnejn (2) mit-tlett (3) persuni indikati u qal illi dawn kienu qeghdin jahdmu ma’ Xuereb Installations u kienu qed jaghmlu x-xoghol ta’ gypsum fil-‘Westin Dragonara’. Domnic Spencer xehed illi huwa ma rax lill-imputati nezlin b’xi haga f’idejjhom u qal illi huwa kien inaghta biss sturzzjonijiet biex jaghmel tfittxija taht l-umbrelel tal-qasab. Hu hekk ghamel u sab din il-kaxxa bil-‘Home Cinema Video’. Domnic Spencer xehed illi huwa staqsa lill-imputat kemm ‘il darba kienux huma illi nizzlu dik il-kaxxa u hbewha taht dawk l-umbrelel, u l-imputati kienu wiegbuh fin-negattiv. Spencer ikkonferma illi x-xoghol tal-Gypsum illi suppost kienu qeghdin jaghmlu l-imputati kien qieghed f’livell tlieta (3) tal-Hotel fil-‘Luxary Suites’. Domnic Spencer ikkonferma illi l-imputati kienu jqattghu x-xoghol tal-gypsum u jghaddu minn gol-‘plant room’ halli ma jitilghux mil-lukanda. Domnic Spencer gie muri r-ritratti dokumenti RS1 sa RS5 u kkonferma l-kaxxa tal-‘Home Cinema Video’ u l-ambjent illi deher fir-ritratti.

John Mary Zammit, engineer mal-‘Westin Dragonara’ a fol.38 et sequitur xehed illi huwa kien ilu jahdem mal-lukanda ghall-hmistax (15)–il sena u xehed illi fil-gurnata in kwistjoni u cioe’ fit-3 ta’ Marzu 2005 huwa kien qed jaghmel ronda waqt illi l-haddiema kienu qeghdin ‘on

break' kif jaghmel is-soltu u ra persuna ghaddejjha u segwiha. Fil-fatt din il-persuna kienet qieghda ma' persuna ohra u t-tnejn (2) kienu taht il-'Bali Huts' u cioe' umbrelel tal-qasab. Zammit xehed illi hu ra lill-imputati qeghdin jigru wara qattusa. Huwa ghaldaqstant resaq lura u qaghad ihares lejjhom mill-boghod u wara ftit ra wiehed mill-imputati b'kaxxa blue u Zammit haseb illi din kienet television u ghaldaqstant ghajjat lis-security. Is-security officers gew minnufih u meta gew is-security officers, dawn wettqu search fl-inhawi. L-engineer Zammit infurmhom illi kien ra lil wiehed mill-imputati b'kaxxa blue illi hasibha television u kif saret it-tfittxija s-security officers sabu din il-kaxxa illi fil-fatt kienet 'Music Center' jew 'Home Cinema' equipment.

L-engineer Zammit xehed illi dak iz-zmien huwa kien qieghed in charge mis-security wkoll u li kien Domnic Spencer illi wettaq it-tfittxija ghal dan il-'Home Cinema Center'. L-engineer Zammit xehed illi z-zewg (2) imputati dak iz-zmien kellhom xagharhom twil u kellhom barnuza f'rashom. **L-enginier Zammit xehed illi huwa kien baqa' jsegwi lil dawn iz-zewg (2) persuni u cioe' lill-imputati 'il ghaliex l-agir taghhom kien suspettuz.**

Ikkonferma l-'Home Cinema' equipment illi gie muri f'dokumenti RS1 sa RS5. L-engineer Zammit ikkonferma a fol.41 illi dan l-equipment tal-**'Home Cinema System' kien qieghed gewwa 'store' fil-kmamar 362 u 364. Dawn il-kmamar kienu jaghtu ghall-kuritur minn fejn kien hemm 'fire exit' illi mbaghad jaghti ghal 'plant room'. Huwa kkonferma illi ghaldaqstant l-imputati kellhom access ghal dawn il-kmamar.**

Hans Cauchi a fol.44, Manager tal-'Westin Dragonara Resort' ikkonferma illi huwa informa lill-Pulizija dwar is-serq tal-'Hi Fi System' wara illi kien gibidlu l-attenzjoni c-Chief Engineer u gie msejjah ic-Chief Security Domnic Spencer. Ikkonferma u gharaf lill-imputati prezenti fl-Awla bhala z-zewg (2) persuni illi serqu dan l-equipment. Hans Cauchi esebixxa Dok.X illi juri li dan l-equipment gie mghoddi lill-Pulizija.

John Mary Zammit a fol.51 in kontro ezami xehed illi ma setghax jiftakar liema mill-imputati fil-fatt kien rah ghaddej bil-kaxxa blue illi fiha kienet tikkontjeni l-'Home Cinema Center'. L-engineer Zammit ikkonferma illi l-imputati cahdu illi huma kellhom x'jaqsmu ma' dan is-serq (ara fol.52). John Zammit ikkonferma illi huwa qaghad ma' l-imputati sakemm gew is-*security officers* u l-*General Manager*. Mistoqsi jghid ezattament x'ra lill-imputati jaghmlu, Zammit jghid is-segwenti:

*"Le qabel tkellimt, kif rajthom jien meta dhalt bil-bali hut, smajt it-thaxwix u mbaghad ersaqt lura u qadt qisni nara mill-boghod u mbaghad nara lil wiehed minnhom jgholli din il-kaxxa bluna u jpoggiha, harigha minn hemm wara u beda jpoggiha wara board...tac-chip board... ezatt hdejn il-fire hydrant."* (ara xhieda a fol.53)

Ikkonferma illi ghall-ewwel haseb illi l-kaxxa ta' kulur blue kienet qed tikkontjeni television, izda wara illi gew is-*security* u fethu l-kaxxa, nduna illi kienet 'a home cinema.' Huwa kkonferma illi huwa baqa hemm fil-*plant room*, jara kollox, sakemm ma gew is-*security officers*.

PS 419 Anton Buttigieg, in kontro ezami, kkonferma x-xhieda tieghu u qal illi l-imputati cahhdu l-involviment taghhom fis-serq.

Dominic Spencer, in kontro ezami, ikkonferma illi, maz-zewg imputati kien hemm persuna ohra, illi hu ma kienx jaf, il-ghaliex kien ix-xoghol ta' l-engenier illi jkun jaf min mill-haddiema kellu jkun jahdem f'postijiet identifikati. Spencer xehed illi t-tielet persuna li kienet ma' l-imputati, kienet id-*driver* tal-*van* taghhom. Spencer ikkonferma illi l-*home cinema equipment* kien storjat go kamra, fis-sular fejn kien qed jinhadem il-*gypsum* mill-imputati. Spencer innega (a fol.63) illi qatt ma sab *equipment* sensittiv bhal *home cinema equipment* taht *'bali hut'*. Ikkonferma illi ma kienx hemm aktar haddiema jahdmu hdejn il-'*bali hut*' fil-*plant room*, ghajr l-imputati, izda ma eskludiex illi kien hemm haddiema ohra jahdmu hdejn l-*istore room* fejn

kienu stivati l-*equipment* ta' 'home cinemas.' (ara xhieda a fol.64)

A fol.70, Hanse Cauchi, General Manager tal-Westin Dragonara Resort, xehed illi xtaq jaghti *chance* iehor lill-imputati billi rrinunzja ghall-azzjoni kriminali u hafrilhom sabiex huma jkunu jistghu jerghu jibdghu hajjithom fuq it-triq it-tajba. Illi l-hotel ma soffriet ebda dannu stante illi giet rikoverata r-res furtiva.

Massimo Calleja, xehed illi huwa u huh kienu qed jahdmu fil-Westin Dragonara Resort, meta gie certu Jimmy fuqhom u beda jallega illi serqu xi oggett propjeta' tal-hotel u ghajjat lis-*security officers*. Dawn ghamlu tfittxija u nstabet *home cinema equipment* li kienet il-boghod hafna minn fejn kienu huma u cioe xi hamsin (50) pass-il boghod. Ikkonferma illi huwa qatt ma mess ebda oggett, propjeta' tal-hotel. L-imputat Massimo Calleja, ikkonferma l-istqarrija tieghu, wara li din giet moqrija lilu. Huwa kompla jghid illi x-xoghol li kien qed jaghmel fil-hotel Dragonara kien ser jirrikavalu profit ta' xi elf lira Maltin (Lm1000) u ma kienx ser jisraw oggett ta' hamsin lira (Lm50) biex b'hekk jitlef hobzu. Huwa xehed ukoll illi kien jahdem ma' partner tieghu, certu Charles Calcidon Vella.

In kontro ezami, Massimo Calleja, ikkonferma illi huwa ma kienx qed jahdem fit-tieni sular u li x-xoghol tieghu kien jikkoncerna t-tielet sular. Huwa xehed illi huma kienu, pero', tilghin u nezlin, mill-ewwel (1) sat-tielet (3) sular, biex jahdmu x-xoghol taghhom. Huwa rega kkonferma illi ma seraq xejn.

Manuel Calleja kkonferma l-istqarrija tieghu, wara li din giet moqrija lilu, huwa sostna illi ma kellux ghalfejn jisraq xejn il-ghaliex huma kienu jahdmu u jghixu ma' missierhom. Huwa nnega illi messu dan il-'home cinema' *equipment*.

Calcidon Vella, ikkonferma illi huwa kien qieghed ma' l-imputati, li hu kien qaghad fis-sular ta' isfel u li kien qieghed jikkomunika ma' l-imputati bil-*walkie-talkies*; illi Massimo Calleja kien qed iqatta' l-materjal kollu, waqt li

Manuel Calleja kien qed inewwel u jgorr il-materjal fil-*lift* tal-lukanda. Ikkonferma illi huma kellhom *clashes* kbar ma' l-engenier Jimmy Zammit kif jidher mix-xhieda tieghu a fol.84

Calcidon Vella kkonferma illi Jimmy Zammit qallu illi kien qabad lil lavranti tieghu jisirqu mill-*hotel* (ara xhieda a fol.85) u li Jimmy Zammit kien qieghed isegwi lil Manuel Calleja bil-mohbi meta qabdu jisraq. Calcidon Vella kkonferma illi z-zewg imputati kienu f'qaghda finanzjarja tajba u li l-imputati kienu cahdu li serqu fil-prezenza tieghu stess. Vella kkonferma illi kienu gew il-Pulizija fuq il-post u kienu wettqu tfittxija fil-*van* tieghu. Fil-*van* il-Pulizija sabu xi bcejjec tapezzerija illi l-hotel kienet ser tarmi u li Vella kien ha l-permess biex jehodhom.

Ikkonsidrat:

Mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, b'mod specjali mix-xhieda ta' John Mary (Jimmy) Zammit jirrizulta b'mod inekwivoku illi l-imputati nqabdu in flagrante jisirqu *home cinema equipment* li kien qieghed storjat f'kamra fit-tielet (3) sular tal-hotel. Il-Qorti taghraf illi John Mary Zammit ra lil wiehed mill-imputati jhaxwex taht *bali hut*, johrog kaxxa kbira blue u jahbiha wara *board* imdaqqsa. Illi hu gieh susspett u baqa jsegwi b'mod mistur, l-agir suspettuz ta' l-imputati u ghajjat mall-ewwel lil tas-*security* u baqa jghassess fuq il-post sakemm waslu l-Ufficjali tas-Sigurta' tal-lukanda. Provi aktar sgjaccanti minn dawn, il-Qrati ftit li wisq jaraw.

Il-Qorti taghraf ukoll, pero' illi l-General Manager tal-hotel xtaq jaghti opportunita' lill-imputati u li kien ghalih, waqqaf il-proceduri kriminali u wera x-xewqa tieghu li jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali.

Illi ghalkemm l-imputati cahdu kull allegazzjoni li saret, u dana kemm fl-istqarrija taghhom, kif ukoll fix-xhieda taghhom quddiem din il-Qorti u ressqu wkoll lil Calcidon

Vella biex b'xi mod juru illi Zammit kellu *grudge* kontra l-imputati, din il-Qorti ma tarax illi l-verzjoni taghhom hija kredibbli jew affidabbli.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputati, Massimo Calleja u Emmanuel Calleja, hatja skond l-akkuzi u wara li rat l-Artikoli 261, 268(d) u 281(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputati bil-kondizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn, u dana minhabba l-fatt illi l-imputati huma '*first offenders'*, ir-res furtiva giet rekoverata u li l-General Manager xtaq illi l-Qorti taghti opportunita' ohra lill-imputati u hafrilhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------